MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 1700/1992/1

**1. Victoria sive Vivienne Mangion mart Charles Mangion**
**u l-istess Charles Mangion bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti**
**u bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu;**
**2. Angela sive Angiolina Abela mart Anthony Abela**
**u l-istess Anthony Abela bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti**
**u amministratur tal-beni parafernali ta' martu; u**
**3. Michelina Bongailas mart Alfred Bongailas**
**u l-istess Alfred Bongailas bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti**
**u amministratur tal-beni parafernali ta' martu.**

**vs**

**Albert Mifsud**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi l-atturi Angela sive Angiolina Abela, Victoria sive Vivienne Mangion u Michelina Bongailas u l-konvenut huma azzjonisti f'zewg socjetajiet bl-isem ta' *Silka Limited* u *Marine Developments Limited*; illi l-imsemmija Angela sive Angiolina Abela, Victoria sive Vivienne Mangion u Michelina Bongailas u l-konvenut, flimkien ma' ohthom l-ohra Doris Spiteri li mhix parti f'din il-kawza, wirtu dawn l-imsemmija azzjonijiet minghand il-genituri taghhom u cioè Giovanni u Pawla Mifsud li mietu fid-9 ta' Lulju 1986 u fl-1 ta' Jannar 1990 rispettivament; illi ftit wara l-mewt ta' l-imsemmi Giovanni Mifsud, kien intlahaq ftehim fir-residenza tal-konvenut bejn l-imsemmija ahwa Mifsud kollha fis-sens illi l-konvenut kellu jsir direttur ta' l-imsemmija zewg socjetajiet b'dana però li kellu jaqsam b'mod ugwali ma' hutu kollha l-introjti kollha tieghu bhala direttur ta' l-imsemmija socjetajiet; illi fl-1 ta' Jannar 1987 il-konvenut gie appuntat direttur ta' l-imsemmija socjetajiet u dana skond l-imsemmi ftehim u infatti ghadu direttur sal-gurnata tal-lum; illi nonostante dan, il-konvenut sal-gurnata tal-lum naqas milli jaqsam ma' hutu l-imsemmija introjti tieghu kif kien gie miftiehem; illi s-somma dovuta mill-konvenut lil kull attur tammonta ghal wiehed minn hamsa (1/5) ta' l-introjti kollha tal-konvenut bhala direttur ta' l-imsemmija socjetajiet kalkolati mill-1 ta' Jannar 1987 sal-gurnata tal-lum u dana stante l-fatt li b'kollox hemm hames ahwa u l-ftehim kien li l-introjti kellhom jinqasmu b'mod ugwali; illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas din is-somma izda baqa' inadempjenti; talbu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: (1) tiddikjara li l-konvenut ghandu

jhallas lil kull attur somma ekwivalenti ghal wiehed minn hamsa (1/5) ta’ l-introjti kollha tal-konvenut bhala direttur tas-socjetajiet *Silka Limited* u *Marine Developments Limited* kalkolati mill-1 ta’ Jannar 1987 sal-gurnata tal-lum u dana skond l-imsemmi ftehim li kien sar bejn il-kontendenti; 2. tillikwida s-somma hekk dovuta mill-konvenut lil kull attur u dana dejjem skond l-imsemmi ftehim; 3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lil kull attur is-somma hekk likwidata; bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja ta’ l-10 ta’ Settembru 1992 u ta’ l-ittra ufficcjali tat-2 ta’ Ottubru 1992, u bl-interessi legali u bis-subizzjoni tal-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-atturi u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez peress li l-konvenut gie mahtur direttur fil-kumpaniji msemmija u ghandu kull dritt ghad-dhul marbut ma’ din il-pozizzjoni;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-tmienja (8) ta’ Jannar, 2001 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:
“… filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, <u>tilqa’</u> t-talbiet attrici kif dedotti u tillikwida l-ammont ta’ elf tlett mija u sittin lira Maltin (Lm1,360) bhala rapprezentanti <u>kull sehem</u> ta’ kwinta parti (1/5) dovut lill-atturi u li jrid jithallas mill-konvenut lil kull wiehed mit-tliet atturi u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut f’dan is-sens. Il-kap ta’ l-ispejjez jithallas ukoll mill-konvenut, bl-interessi legali kif mitlub sal-pagament effettiv”;

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"… li f'din il-kawza l-atturi proprio et nomine qeghdin jitolbu s-sehem lilhom spettanti minn dawk l-introjti inkassati mill-konvenut bhala direttur ta' zewg socjetajiet, jigifieri *Silka Limited* u *Marine Development Limited*, mill-1 ta' Jannar 1987 sa Dicembru 1992 skond ftehim li huma allegaw li kellhom bejniethom. Aktar specifikatament l-atturi allegaw u xehdu bil-gurament li wara l-mewt ta' missierhom huma kienu nnominaw lill-konvenut bhala ko-direttur taz-zewg kumpaniji msemmija u kull hlas minnu percepit kellu jinqasam billi huma jiehdu wiehed minn hamsa mid-dhul u li sa issa ma kienu rcevew l-ebda hlasijiet.

"Min-naha tieghu, il-konvenut jichad li sar tali ftehim kif gie allegat mkill-atturi u in oltre huwa kellu kull dritt jircievi hlasijiet marbuta mal-pozizzjoni tieghu fiz-zewg socjetajiet *de quo*.

"L-atturi u zwieghom, jigifieri Alfred u Michelina Bongailas, Anthony u Angiolina Abela, Charles Mangion u Joseph Spiteri kollha kkonfermaw bil-gurament dak li ppremettew fl-att ta' citazzjoni, bla ma gew realment kontradetti.

"Meta gie biex jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti, il-konvenut irrefera u esebixxa kopja ta' skrittura - ara fol. 97 Dok AM. Din l-iskrittura tghid biss li l-atturi, flimkien mal-konvenut, bhala werrieta ta' missierhom, kienu qeghdin janticipaw li wara li tigi regolata s-successjoni tad-*decujus*, il-qsim tal-ismha ta' dawn iz-zewg socjetajiet ikun regolat skond din il-kitba. Mill-bqija l-konvenut, korroborat minn martu Anna Mifsud, jichad li kien hemm xi ftehim iehor minbarra dina l-iskrittura.

"Rinfaccjati b'din l-iskrittura, l-atturi xehdu li tassew saret xi kitba redatta minn Joseph Fenech, il-ko-direttur l-iehor, li però la giet moqrija lilhom qabel iffirmawha u lanqas inghatat lilhom kopja taghha. Xi whud minnhom xehdu wkoll, mhux daqstant b'konvinzjoni, li kienu nies illitterati u ma kienux jafu ghalxiex iffirmaw.

"Il-Qorti sabet diffikultà biex, in assenza ta' kitba specifika, tara min sewwa sew qed jghid u jixhed il-verità. Fuq bazi ta' probabilità però hija tal-fehma li dak li allegaw l-atturi ghandu jipprevali ghaliex huwa aktar attendibbli. Il-fatt li giet redatta skrittura li kienet tghid xi haga differenti ma jfissirx ukoll li ma ntehaqx *pro tempore* il-ftehim imsemmi mill-atturi u michud mill-konvenut. *Multo magis* meta l-iskrittura Dok AM tirreferi biss ghall-eventwali qsim tal-ishma. Wahda ma teskludix necessarjament lill-ohra. Kollox juri li effettivament kien tassew sar qbil li l-konvenut jigi nominat direttur u li mill-introjti jiehdu wiehed minn hamsa (1/5) l-atturi.

"Illi kwantu ghall-introjti realment inkassati mill-konvenut ukoll hemm diversi aspetti mhux adegwatament spjegati. Fil-bidu, l-awdituri tal-kumpaniji li ghalihom xehed Stephen Warrington donnu deher li fil-fatt il-konvenut ma kien jithallas xejn. L-istess xehed fil-bidu Joseph Fenech, ko-direttur. Fi stadju ulterjuri tal-provi izda, l-istess Joseph Fenech, li jidher li kien il-*factotum* ta' din l-intrapriza, biddel din il-verzjoni darbtejn. L-ewwel xehed li mir-*records* tal-kumpaniji kien jirrizulta li l-konvenut kien idahhal elf lira Maltin (Lm1,000) ghal kull sena mill-1987 sal-1992, b'kollox Lm6,000, imbaghad rega' xehed fis-sens li proprjament il-konvenut kien jircievi regolarment tal-anqas Lm150 kull xahar ghas-snin 1987 sal-1991, u fl-ahhar sena, jigifieri 1992, din il-figura gholiet ghal Lm250 fix-xahar; jigifieri Lm3,000 *per annum*. Komplikazzjoni addizzjonali temergi mbaghad mill-fatt li skond dan ix-xhud u skond Charles Camilleri, *general tradesman* mas-socjetajiet imsemmija, il-konvenut kien ukoll jigi mqabbad jaghmel xi xoghol apparti u li però ma kienx jithallas ghalih separatament. Baqa' ma jirrizultax kemm precizament kien tabilhaqq dovut lill-konvenut relattivament ghal dan ix-xoghol. Minbarra s-suespost, l-atturi kollha xehdu li kull wiehed minnhom kellu jaghti hlas ta' hames liri (Lm5) minn kull hlas ippercepit mill-konvenut - jigifieri b'kollox Lm15.00 fix-xahar.

"Il-Qorti ghalhekk, tenut kont tas-suespost, hija tal-fehma li l-atturi tassew haqqhom li jithallsu a bazi tal-ftehim li lahqu mal-konvenut, u li dwaru huma kienu ghadhom ma

rcevew l-ebda hlas. Illi l-likwidazzjoni trid fic-cirkostanzi ssir *arbitrio boni viri*, u dan in vista tal-fatt li kien hemm xi hlasijiet spettanti lill-konvenut ta’ xoghol maghmul minnu a favur tas-socjetajiet izda mhux fil-kariga ta’ direttur. Illi ghalhekk ghas-snin 1987 - 1991 (hames snin) il-Qorti jidrilha li l-ewwel mitt lira Maltin (Lm100) ghandha titqies li kienet tirraprezenta l-introjtu li kellu jinqasam bejnu u bejn l-atturi u l-bqija ghandu jitqies bhala dhul spettanti lill-konvenut - (Lm50) fix-xahar - tax-xoghol li kien gieli jaghmel ghas-socjetajiet u s-sehem li kellu jircievi minghand l-atturi. Dan ifisser li t-tliet atturi jridu jiehdu wiehed minn kull hames parti (1/5) ta’ hamest elef lira Maltin ghas-snin 1987 - 1991. Kwantu ghas-sena 1992, jirrizulta lill (*recte*: li l)-onorarju ta’ Direttur zdied ghal Lm250 fix-xahar, jigifieri fis-sena 1992, il-konvenut dahhal tliet elef lira (Lm3,000). Fil-fehma tal-Qorti, ghal din l-ahhar sena, il-konvenut kien haqqu hlas tax-xoghol dirett tieghu l-ammont ta’ mitt lira fix-xahar (Lm100) u l-ammont ta’ Lm150 fix-xahar kellu invece jirraprezenta *director’s fee*. Dan ifisser li minnu - Lm1,800 - l-atturi jridu jiehdu sehemhom ukoll. Dan ifisser li b’kollox l-atturi jridu jiehdu wiehed minn hamsa (1/5) tas-segwenti:

| | |
|---|---|
| 1987 - 1991: | Lm5,000.00 |
| 1992: | Lm1,800.00 |
| Total | Lm6,800.00 ÷ 5 = Lm1,360.00 kull parti jew sehem.” |

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi tigi revokata s-sentenza appellata billi jigu michuda t-talbiet attrici u billi tintlaqa’ l-eccezzjoni sollevata minnu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati;

Rat ir-risposta ta’ l-appell ta’ l-atturi illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata u illi l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi bazikament l-aggravji tal-konvenut kontra s-sentenza appellata, fil-kliem testwali tar-rikors ta' appell, huma s-segwenti:
1. "… l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li bir-rispett kollu l-ewwel Onorabbli Qorti zgiccalha l-principju tal-ligi hawn fuq enuncjat li … il-ligi trid li jekk isir ftehim u dan jitnizzel bil-miktub, dak li ma jitnizzilx allura m'hemmx ftehim fuqu";

2. "… it-tieni aggravju johrog mill-fatt li fil-laqgha imsemmija jekk sar xi diskors bejn il-partijiet dwar il-qsim ta' introjti, l-intenzjoni tal-partijiet zgur li ma kienitx fuq l-istess binarji, u ghalhekk kien hemm il-karenza ta' *placidum idem consensus*";

3. "… t-tielet aggravju jitnissel minn dak espost fl-aggravju precedenti. Il-ligi trid li fl-interpretazzjoni tal-kuntratti, jekk ikun hemm xi dubju, dan ghandu jigi deciz favur dak li ntrabat bl-obbligazzjoni, f'dan il-kaz l-esponent";

Apparti illi ressaq dawn l-aggravji, il-konvenut appellant fir-rikors ta' appell tieghu issolleva eccezzjoni gdida fit-termini segwenti:
"… tigi eccepita f'dan l-istadju ta' l-appell il-preskrizzjoni ta' 5 snin skond Artikolu 2156 tal-Kodici Civili (Kap. 16)";

Ikkunsidrat:

Illi l-principju illi jaghmel riferenza ghalih l-appellant fl-ewwel (1) aggravju tieghu, u illi jsejjahlu "hawn fuq enuncjat", huwa indikat mill-istess appellant bhala *expressum facit cessare tacit*. Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant meta, bl-ghazla ta' kelma mhux daqstant felici, jghid illi lill-ewwel Qorti "zgiccalha" dan il-principju. F'dan ir-rigward, tajjeb illi jigi citat is-segwenti bran mis-sentenza appellata (pagina 7 tas-sentenza) illi minnu jirrizulta - specjalment mill-parti tieghu illi sejra tigi sottolinejata minn dina l-Qorti - illi l-ewwel Qorti kienet tal-fehma - fehma illi

maghha hija konkordi dina l-Qorti - illi l-imsemmi principju mhux applikabbli ghall-kas illi kellha quddiemha:
"Il-fatt li giet redatta skrittura li kienet tghid xi haga differenti ma jfissirx ukoll li ma ntlehaqx *pro tempore* il-ftehim imsemmi mill-atturi u michud mill-konvenut. *Multo magis* meta l-iskrittura Dok AM tirreferi biss ghall-eventwali qsim tal-ismha. Wahda ma teskludix necessarjament lill-ohra. Kollox juri li effettivament kien tassew sar qbil li l-konvenut jigi nominat direttur u li mill-introjti tieghu jiehdu wiehed minn hamsa (1/5) l-atturi."

Hawnhekk *non si tratta* ta' kaz fejn dak illi gie redatt bil-miktub huwa car u, ghalhekk, ma jippermettix interpretazzjoni, izda *si tratta* ta' jekk bejn il-kontendenti kienx hemm il-ftehim illi qed jippretendi l-attur. Tajjeb illi jigi rilevat illi l-allegat ftehim mhux wiehed illi, skond il-ligi, hemm bzonn illi, sabiex ikun jorbot, jirrizulta minn kitba;

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, ghalhekk, l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi anqas it-tieni (2) aggravju ta' l-appellant ma huwa fondat ghaliex, minn ezami tal-provi prodotti, jirrizulta illi fil-kawza odjerna ma kienx qed jigi dibattut x'fehmu l-atturi u x'fehem il-konvenut dwar il-kwistjoni ta' l-onorarju tal-konvenut bhala direttur tas-socjetajiet imsemmija fl-att ta' citazzjoni. Il-kawza hija impernjata fuq jekk il-kontendenti ftehmux bejniethom illi l-imsemmi onorarju jinqasam ugwalment bejn l-atturi Victoria Mangion, Angela Abela, Michelina Bongailas, il-konvenut u ohthom Doris Spiteri. L-atturi jallegaw illi kien hemm dan il-ftehim, il-konvenut jichad, l-ewwel Qorti emmnet lill-atturi u dina l-Qorti, wara illi ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti, taqbel mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti;

Ikkunsidrat:

Illi, sabiex jissostanzja t-tielet (3) aggravju tiehu, l-konvenut appellant invoka l-Artikolu 1009 tal-Kodici Civili illi jiddisponi hekk:

“Fid-dubju, il-konvenzjoni tigi mfissra kontra dak li favur tieghu saret l-obbligazzjoni u favur dak illi ntrabat bl-obbligazzjoni.”

Dan l-artikolu mhux applikabbli ghaliex, kif già gie accennat fil-konsiderazzjoni tat-tieni (2) aggravju, fil-kawza odjerna mhux qed isir stharrig dwar xi tfisser il-konvenzjoni jew ftehim milhuq bejn il-kontendenti izda qed jigi mistharreg jekk il-ftehim allegat mill-atturi giex milhuq bejn il-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant issolleva l-eccezzjoni illi l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* ta’ l-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili ghaliex, kif jissottometti fil-paragrafu enumerat erbgha (4) ta’ l-ahhar pagina tar-rikors ta’ appell:
“Hemm qbil li l-laqgha u d-diskussjonijiet bejn il-partijiet saru fis-26 ta’ Dicembru 1986. Ftehim, sakemm ma jsirx b’att pubbliku, ghandu validità ta’ 5 snin u ghalhekk ma kienx aktar validu fis-26 ta’ Dicembru 1991. Oltre dan id-dritt t’azzjoni jippreskrivi ruhu wara 5 snin kif inghad, u ghalhekk id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti trid dejjem tigi riveduta fid-dawl ta’ dawn it-termini stabbiliti mill-ligi”;

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-atturi, fir-risposta ta’ l-appell taghhom, issottomettew hekk:
“Fl-ewwel lok, jigi rilevat illi l-appellant naqas milli jindika taht liema sub-artikolu tal-Artikolu 2156 qed jibbaza din l-eccezzjoni tieghu u ghalhekk din l-eccezzjoni hi nulla …”;

Dina l-Qorti, filwaqt illi tiddeplora t-termini leggeri u generali illi permezz taghhom l-appellant issolleva l-eccezzjoni in ezami, ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni ta’ l-atturi appellati ghaliex, jekk l-azzjoni attrici tista’ tigi kolpita bil-preskrizzjoni prevista f’wiehed - jew izjed - mill-ipotesijiet kontemplati fid-diversi subartikoli ta’ l-artikolu 2156 invokat, l-eccezzjoni sollevata ma hijiex nulla. Fil-fatt, fil-fehma ta’ dina l-Qorti huwa applikabbli ghall-azzjoni attrici dak illi jipprovdi l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili illi jistipula hekk:

"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:

…;

(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."

Dwar il-meritu ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, dina l-Qorti taqbel ma' dak illi jghidu l-atturi appellati fis-segwenti silta mir-risposta ta' l-appell taghhom:

"Fit-tieni lok, l-appellant qed jinterpreta hazin id-dottrina tal-preskrizzjoni. Il-ftehim in kwistjoni jghati lok ghal obbligazzjoni kontinwa u cioè ftehim bla terminu li jibqa' jiddekorri b'mod indefinit sakemm ma jigix terminat mill-partijiet kollha - mhux minnhu li dan il-ftehim jispicca wara hames snin kif qed jallega l-appellant. *Se mai* huwa d-dritt ta' azzjoni ghal dawk il-pagamenti li ma saritx talba ghalihom *entro* t-terminu tal-hames snin li jigu preskritti [*recte*: jigi preskritt], izda l-ftehim certament jibqa' validu" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Tajjeb illi jinghad ukoll illi, skond l-artikolu 2137 tal-Kodici Civili:

"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata …";

Ikkunsidrat:

Illi jrid jigi issa determinat jekk, mis-somma illi permezz tas-sentenza appellata l-konvenut gie kundannat ihallas lill-atturi bhala sehemhom mill-onorarju tieghu ta' direttur tas-socjetajiet imsemmija fl-att ta' citazzjoni, hemmx xi ammont illi, fid-dawl ta' dak illi jinghad fiz-zewg (2) paragrafi ta' qabel dan, huwa preskritt;

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attività tal-konvenut bhala direttur tas-socjetajiet imsemmija bdiet fl-ewwel (1) ta' Jannar, 1987. Fin-nuqqas ta' prova ahjar, dina l-Qorti

qed tikkonsidra illi l-konvenut kien jippercepixxi l-onorarju tieghu bhala direttur fil-31 ta' Dicembru ta' kull sena. Mill-atti processwali ma jirrizultax jekk - u meta - il-konvenut giex notifikat bl-ittra ufficcjali tat-tnejn (2) ta' Ottubru, 1992 (fol. 52) però jirrizulta illi l-konvenut gie notifikat bl-att ta' citazzjoni odjern fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar, 1993 (fol. 9). Jidher ghalhekk illi l-azzjoni attrici hija preskritta biss kwantu ghal sehem l-atturi mill-onorarju tal-konvenut bhala direttur ippercepit fil-31 ta' Dicembru, 1987 (ara Artikoli 2128 u 2130 tal-Kodici Civili), liema sehem huwa ta' mitejn lira (Lm200) ghal kull wahda mill-atturi Victoria Mangion, Angela Abela u Michelina Bongailas. Ghalhekk l-ammont ta' elf, tliet mija u sittin lira (Lm1360) imsemmi fil-parti dispozittiva tas-sentenza appellata irid jigi ridott ghal elf mija u sittin lira (Lm1160);

Ikkunsidrat:

Illi, stante illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet sollevata l-ewwel darba quddiem din il-Qorti, minn naha wahda ma hemmx lok ghal tibdil fil-mod kif gie deciz il-kap ta' l-ispejjez fis-sentenza appellata u, min-naha l-ohra, l-appellati ma ghandhom ibatu ebda parti mill-ispejjez ta' din l-istanza;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tilqghu biss kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-limiti hawn fuq imsemmija u, konsegwentement, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens biss illi l-ammont illi qed jigi likwidat bhala dovut mill-konvenut, u illi l-konvenut qed jigi kkundannat illi jhallas, lil kull wahda mill-atturi Victoria Mangion, Angela Abela u Michelina Bongailas huwa ta' elf, mija u sittin lira (Lm1,160) u billi tikkonferma s-sentenza appellata ghall-kumplament, b'dan illi, a skans ta' ekwivoci, qed jigi dikjarat illi fuq l-imsemmija somma ta' Lm1,160 ghandu jiddekorri l-imghax mid-data tas-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------